MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 285/2011

**A B C**
**vs**
**D B u**
**l-Avukat Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li b'digriet tat-08 ta' Settembru 2011 gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-minuri E B.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu wara li ppremettiet:-
1. Illi waqt il-hajja konjugali meta fil-fatt kienet separata *de facto* minn zewgha allavolja kienu jghixu flimkien, minn relazzjoni extra konjugali, hija kellha l-minuri E li twieldet fil-25 ta' Mejju 2010 u hadet il-kunjom B peress illi twieldet

f'inqas zmien tlett mitt gurnata mis-separazzjoni bejn il-partijiet;
2. Illi il-partijiet isseparaw b'kuntratt tas-17 ta' Novembru, 2010;
3. Illi l-partijiet kienu diga' qeghdin jghixu 'l boghod minn xulxin anke waqt il-koncepiment tat-tarbija;
4, Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex jithassar l-isem ta' D B bhala missier it-tarbija u dana mic-certifikat tat-twelid illi jgib in-numru 1766 tal-2010;

Talbet lil din il-Qorti:
1. Tiddikjara illi D B m'huwiex il-missier tat-tarbija E B illi twieldet fil-25 ta' Mejju 2010 mill-attrici.
2. Konsegwentement fil-kolonna illi turi fic-certifikat tat-twelid hawn fuq imsemmi l-isem u l-kunjom u l-post tat-twelid tal-missier, jitnizzel minflok 'Father unknown'.
Rat id-digriet taghha datat 8 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu nnominat lill-Avukat Henry Antoncich u lill-Prokuratur Legali Melissa Anastasi bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill- minuri E;
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentat mill-attrici u x-xhieda moghtija viva voce.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjera l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E B li twieldet fil-25 ta' Mejju 2010 u li fl-att tat-twelid taghha numru 1766/2010 giet registrata bhala bint il-konvenut D B hija fil-fatt ma hijiex bint l-attur.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici sseparat *de facto* minn ma' zewgha l-konvenut D B snin qabel twieldet it-tarbija E. Il-partijiet isseparaw b'kuntratt tas-17 ta'  Novembru 2010.
L-aqwa prova li l-konvenut ma hux missier it-tarbija huma t-testijiet genetici u xjentifici (DNA) maghmula minn Dr Marisa Cassar (fol 29) li jiccertifikaw li l-minuri ma hiex il-wild tal-konvenut D B.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara illi l-konvenut D B mhuwiex il-missier tat-tarbija E B illi twieldet fil-25 ta' Mejju 2010 mill-attrici.

2. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri numru 1766/2010 l-isem u l-konnotati kollha tal-konvenut D B jigu kancellati u minflok jitnizzlu l-kliem “unknown father”, filwaqt li wara isem l-attrici jigu kancellati l-kliem “the said”.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------